



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11073/19

AGRIFIN 43
AGRI 381
VETER 52
FIN 498

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5870/19	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 31/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-benessri tal-annimali fl-UE: tnaqqis tad-distakk bejn għanijiet ambizzjużi u implimentazzjoni Prattika" <i>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Frar 2019)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Frar 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport speċjali Nru 31/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-benessri tal-annimali fl-UE: tnaqqis tad-distakk bejn għanijiet ambizzjużi u implimentazzjoni Prattika"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 31/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ("il-Qorti") intitolat "Il-benessri tal-annimali fl-UE: tnaqqis tad-distakk bejn għanijiet ambizzjużi u implimentazzjoni Prattika";
- (2) JILQA' s-sejbiet tar-rapport li l-azzjonijiet biex tintlaħaq il-konformità rnexxew f'oqsma importanti, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-akkomodazzjoni ta' ħnieżer nisa f' gruppi u l-projbizzjoni fuq gaġeġ mhux arrikkiti tat-tiġieġ tal-bajd;
- (3) JINNOTA s-sejba li għad hemm xi dgħufijiet fil-konformità mal-istandards minimi u li hemm lok għal titjib fil-koordinazzjoni tal-kontrolli tal-kundizzjonalità mal-ispezzjonijiet uffiċjali fuq il-benessri tal-annimali u l-użu tar-riżorsi finanzjarji tal-Politika Agrikola Komuni biex jippromwovu standards ogħla għall-benessri tal-annimali;
- (4) JAQBEL mal-Qorti li s-sistemi ta' kontroll uffiċjali tal-Istati Membri huma fattur ewlieni biex jiġi żgurat li l-istandards għall-benessri tal-annimali jiġu infurzati sew u JENFASIZZA li l-kontrolli għandhom isiru abbażi tar-riskji u bi frekwenza adatta;

- (5) JENFASIZZA l-importanza tal-promozzjoni tal-benessri tal-annimali permezz tal-Politika Agrikola Komuni u permezz tal-attivitajiet bilaterali u multilaterali internazzjonali tal-UE;
 - (6) JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel evalwazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Benessri tal-Annimali tal-2012, biex tiegħu azzjoni biex tindirizza aħjar l-oqsma ta' riskju, ixxerred il-prassi t-tajba u thegħegħ l-użu effettiv tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali għall-benessri tal-annimali;
 - (7) JINNOTA li l-aktar strateġija reċenti tal-UE għall-protezzjoni u benessri tal-annimali kopriet il-perijodu mill-2012 sal-2015 u JHEĠĠEGĠ lill-Kummissjoni tqis, fid-dawl tal-eżitu ta' dik l-evalwazzjoni, strateġija ġdida għas-snin li ġejjin biex tippromwovi iżjed il-benessri tal-annimali fl-UE u kemm jista' jkun lil hinn mill-UE;
 - (8) IHEĠĠEGĠ lill-Istati Membri jappoġġaw lill-Kummissjoni fil-kisba ta' dawn l-oġġettivi.
-